MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1153/2002

**FIRST International Merchant Bank P.L.C.**

**-vs-**

**ALMECO Limited, BORG Holdings Limited, ALPHA COLOUR Limited, Charles u Margaret konjugi BORG, Raymond u Rita konjugi BORG, Silvio u Patricia konjugi BORG, R.R.B. Limited u Karl BORG.**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fis-16 t' Ottubru, 2002, li bih socjeta' attrici ppremettiet;

Illi l-konvenuta Almeco Limited kellha tlett facilitajiet bankarji mas-socjeta' attrici u gew avanzati lill-istess konvenuta flus b' titolu ta' self liema facilitajiet bankarji

gew provduti bil-kundizzjoni li jistghu jigu terminati fuq semplici avvi tas-socjeta' attrici;

Illi dawn il-facilitajiet gew terminati mis-socjeta' attrici Almeco Limited hija obbligata illi thallas l-bilanc ta' tlett accounts ta' debitu liema bilanci kienu fit-3 t' Ottubru, 2002, jikkonsistu fis-segwenti somom: is-somma ta' 844,889 Euro; is-somma ta' 845,877 Lira Sterlina u somma ohra ta' 5,842 Dollaru Amerikan;

Illi l-konvenuti l-ohrajn obbligaw ruhhom "in solidum" mal-konvenut Almeco Limited a favur is-socjeta' attrici illi jaghmlu tajjeb ghall-pagament ta' dawn id-debiti minghajr ebda dritt ta' rikors jew kundizzjoni ohra billi l-konvenuti Borg Holdings Limited, Alpha Colour Limited, Charles u Margaret konjugi Borg, Raymond u Rita konjugi Borg, Silvio u Patricia konjugi Borg, huma obbligati b' tali mod sal-ammont massimu ta' 2,300,000 Dollaru Amerikan u dan
skond zewg skritturi iffirmati fil-15 ta' Mejju, 2000, waqt illi l-konvenuti, R.R.B. Limited u Karl Borg huma obbligati b' tali mod sal-ammont massimu ta' 450,000 Dollaru Amerikan skond att ippubblikat fl-Atti tan-Nutar Remig Zammit Pace ta' l-20 ta' Lulju, 2000;

Illi l-konvenuti kollha gew avzati bit-terminazzjoni tal-facilitajiet bankarji u gew interpellati sabiex ihallsu lura dawn id-debiti fuq imsemmija ai termini tal-facilitajiet bankarji jew ftehim ta' garanti izda baqghu ma' ghamlu ebda pagament jew hlas;

Illi l-imsemmija debiti huma fit-total taghhom ekwivalenti ghas-somma ta' disa' mija u hamsa u ghoxrin elf u hames mija u hamsa u erbghin Lira Maltija (Lm925,545);

Ghalhekk is-socjeta' attrici tablet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Lill-konvenuta Almeco Limited thallas is-somom ta' flus u cioe' 844,889 Euro; is-somma ta' 845,877 Lira

Sterlina u somma ohra ta' ,842 Dollaru Amerikan jew somma globali taghhom fi flus Maltin, lis-socjeta' attrici bhala debitrici principali;

2. Lill-konvenuti Borg Holdings Limited, Alpha Colour Limited, Charles u Margaret konjugi Borg, Raymond u Rita konjugi Borg, Silvio u Patricia konjugi Borg, bhala garanti "in solidum" bejniethom, u flimkien mal-konvenuti kollha jhallsu l-istess debitu globali tal-Almeco
Limited li jigi kanonizzat sal-ammont massimu ekwivalenti ghall-2,300,000 Dollaru Amerikan, lis-socjeta' attrici;

3. Lill-konvenuti R.R.B. Limited u Karl Borg, bhala garanti "in solidum" bejnithom, u flimkien mal-konvenuti kollha jhallsu l-istess debitu globali tal-Almeco Limited li jigi kanonizzat sal-ammont massimu ekwivalenti ghal-450,000 Dollaru Amerikan, lis-socjeta' attrici;

4. Bl-imghaxijiet kummercjali mit-3 t' Ottubru, 2002 u bl-ispejjes nkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju tas-7 t' Ottubru, 2002, kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti tas-27 ta' Marzu, 2003, li biha ammettew it-talbiet kif dedotta fic-Citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, il-Qorti tiddeciedi billi **tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici** kif dedotti fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------